MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1501/2003

**Maria Lourdes Stellato**

**vs**

**Jonathan Gilson**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Lulju 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm365) rappresentanti l-kirja tal-hanut 138A, Sammat Street, Paola proprjeta' ta'l-attrici ghaz-zewg skadenzi tal-kera bejn it-13 ta' Settembru 2002 sat-12 ta' Marzu 2003 u t-13 ta' Marzu 2003 u it-12 ta' Settembru 2003, liema kera tithallas kull sitt xhur bil-quddiem u dana kif jidher mill-ftehim ta' lokazzjoni redatt min-Nutar Hugh Grima tat-13 ta' Settembru 2001.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra interpellatorja tal-10 ta’ Lulju 2003 u bl-imghax kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Ra li ghalkemm l-konvenut iddikjara fis-seduta tas-7 ta’ Novembru 2003 illi kien bi hsiebu jikkontesta l-kawza u ghalhekk inghata l-opportunita li jipprezenta ir-risposta tieghu ghall-istess fi zmien hmistax il-jum, huwa naqas li jaghmel dan.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni ipprezentata mill-attrici li permezz taghha s-sorte tal-kawza gie ridott ghall-ammont ta’ Lm215 u dana stante illi l-konvenut hallas is-somma ta’ Lm150 fil-mori tal-kawza.

Ra l-iskrittura ta’ kera iffirmata bejn il-partijiet quddiem in-Nutar Hugh Grima esebieta bhala Dokument MA1 a fol.13 sa 15 tal-process.

Ra l-verbali tas-seduti ta’l-1 ta’ April 2004 u tat-23 ta’ April 2004, fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-bilanc li baqa’ dovut mill-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici, kif ridotta, tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ mitejn u hmistax-il lira Maltin (Lm215), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-

konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------